**8 ta' Novembru, 1984**

**Imhallef:-**

**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**

Peter Vella

*versus*

Maria Schembri *et*

## Serviġi - Preskrizzjoni

*Persuna li tirrendi serviġi jkollha dritt ta' suppliment għall-retribuzzjoni ċerta u determinata meta l-persuna servita tkun esiġiet xogħol straordinarju li joħroġ mill-ftehim jew meta l-persuna li tirrendi s-serviġi tkun aċċettat ħlas żgħir għas-serviġi meta tkun ħaqqha ħlas akbar.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi fit-8 ta' Diċembru, 1975 mietet Teresa Portelli bla ma ħalliet testment u l-konvenuti, uliedha, huma kuraturi *de jure* ta' l-assi tagħha u illi għal żmien twil qabel il-mewt ta' l-imsemmija Teresa Portelli l-attur kien ipprestalha serviġi u assistenzi kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, talab li: (1) din il-Qorti tillikwida, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, dik is-somma li jidhrilha ġusta bħala kumpens għas-serviġi u assistenzi reżi mill-attur lill-imsemmija Teresa Portelli u (2) din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur dik is-somma li tiġi hekk likwidata minn dina l-Qorti bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-ħlas effettiv - bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-22 ta' Lulju, 1977;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti Maria Schembri, Michael u Emanuela Muscat aħwa Portelli li biha eċċepew li d-domandi attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għax l-attur tħallas għal kull eventwali serviġi li huwa rrenda

lill-mejta Teresa Portelli;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' l-imsemmija Avukat Dr. Emanuele Buttigieg u Prokuratur Legali Joseph Damato (fol. 6) li biha eċċepew li huma għad mhux adotti mill-fatti tal-każ però jirrimettu ruħhom għall-provi u jirriservaw id-dritt li jressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom ulterjorment;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' Stella Vella li biha rrimettiet ruħha għal dak li jirriżulta fil-kawża u għall-ġudizzju ta' din il-Qorti;

Rat il-verbal tas-6 ta' Novembru, 1984, li bih il-kuratur P.L. George Scicluna assoċja ruħu ma' l-eċċezzjonijiet tal-kuratur tas-26 ta' Ottubru, 1977;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali Avukat Dottor Tonio Azzopardi minnu debitament maħlufa fis-seduta tat-28 ta' Ġunju, 1982;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti patroċinati minn Dr. Joseph Cassar Galea, ċjoè Maria Schembri, Michael Portelli u Emanuele Muscat, li biha ssollevaw il-preskrizzjoni ta' ħames snin;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża rilevanti u opportuni;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Il-perit legali ssottometta fir-relazzjoni tiegħu li l-azzjoni preżenti hija kolpita bil-preskrizzjoni ta' ħames snin u li din il-

preskrizzjoni għandha tiġi applikata mill-Qorti *ex officio*. In segwitu għall-istess relazzjoni l-konvenuti Maria Schembri, Michael u Emanuela Muscat aħwa Portelli, ippreżentaw nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri fuq imsemmija fejn issollevaw l-imsemmija eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Fil-fatt l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mhix sollevabbli *ex officio* iżda peress li, fil-każ preżenti, l-imsemmija konvenuti, in segwitu għar-relazzjoni peritali, issollevaw l-imsemmija eċċezzjoni - ħaġa li setgħu jagħmlu billi l-istess eċċezzjoni hija sollevabbli ukoll fl-istadju ta' l-appell - għalhekk jinkombi lill-Qorti li tiddeċidiha;

Il-Qorti, wara li eżaminat il-provi, ma tarax li għandha taċċetta l-imsemmija eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Jirriżulta infatti mill-provi illi b'kitba privata tad-19 ta' Settembru, 1968 (fol. 50) id-*decujus* Teresa Portelli kienet ħallset bħala kumpens għal serviġi diġa reżi lilha u anke bl-obbligu da parte ta' l-attur li jibqa' jorqod magħha sakemm tiġi biex tmut jew li titolbu li ma jkomplix jorqod magħha s-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200), liema pagament, skond it-termini espressi ta' l-istess kitba privata, irċevietu l-konvenuta Stella Vella, omm l-attur għan-nom u fl-interess tiegħu u in kompleta sodisfazzjon tal-prestazzjonijiet ġà reżi u li għad iridu jiġu reżi. Jidher ċar għalhekk mit-termini ta' din il-kitba privata li l-istess Teresa Portelli rrikonoxxiet l-obbligu tagħha li tħallas għal serviġi reżi mhux biss qabel l-istess kitba privata imma anke għal serviġi futuri sakemm tiġi biex tmut, ammenokke hija stess ma tgħidx lill-attur li ma jipprestax iżjed dawn is-serviġi - ħaġa li fil-fatt ma għamlitx - u dan billi l-imsemmija somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200), kienet qiegħda tiġi mħallsa bl-obbligu ta' l-attur li jirrendilha l-istess serviġi futuri u in sodisfazzjoni ta' dawn il-prestazzjonijiet futuri. U jekk hu hekk, kif jidher ċar mill-imsemmija kitba privata, li hu, diffiċli li wieħed jifhem kif l-imsemmija konvenuti jistgħu jeċċepixxu l-preskrizzjoni meta l-awtriċi tagħhom stess irrikonoxxiet l-obbligu tagħha għall-ħlas sad-data tal-mewt tagħha;

Għandu jidher illi l-Qorti ma tara li jista' jkun hemm l-ebda dubbju dwar il-partijiet li ħadu parti fl-imsemmija kitba privata. Fiha jingħad espressament li l-pagament ta' Lm200 kien qed isir lil "Stella Vella omm l-istess Peter għan-nom u fl-interess tiegħu" u għalhekk meta Stella Vella rċeviet il-flus u ffirmat il-kitba, huwa ovvju li hija rċevithom u ffirmat f'din il-kwalità. Skond l-artikolu 1959 (2) tal-Kodiċi Ċivili l-mandat jista' jingħata bil-fomm kif ukoll taċitament. Jirriżulta li waqt li saret il-kitba privata Peter Vella, l-attur (li fil-mument tal-kitba kien diġà maġġorenni), kien preżenti u jirriżulta ukoll li in segwitu s-somma ta' Lm200 li ġiet imħallsa fuq il-kitba privata tqiegħdet il-Bank għan-nom tiegħu. Għalhekk anke kieku l-Qorti kellha tirritjeni li ma ġiex ippruvat li l-attur ta bil-fomm lil ommu Stella Vella l-mandat li tidher għalih fuq l-imsemmija kitba u tirċevi l-imsemmija somma, jibqa' dejjem il-fatt li l-attur ta l-istess mandat lil ommu taċitament meta fil-presenza tiegħu rċeviet il-flus għan-nom u fl-interss tiegħu u ffirmat il-kitba privata u dawn il-flus ġew in segwitu ddepożitati f'ismu ġewwa bank;

Ikkunsidrat:

Il-perit legali eżamina ukoll l-effett ġuridiku li l-istess kitba privata kellha fuq it-talba ta' l-attur u wasal għall-konklużjoni li l-imsemmija kitba privata ma tistax tipproteġi lill-konvenut kontra d-domanda ta' l-attur għal suppliment ta' flus. Il-perit legali, biex wasal għal din il-konklużjoni, ibbaża ruħu fuq id-deċiżjonijiet mogħtija fil-kawża **Virginia Abela *vs* Angela Micallef**, fis-17 ta' Ottubru, 1949 (Kollezzjoni Deċiżjonijiet, Vol. XXXIII - II- 423), u fil-kawża **Emanuela Buhagiar *vs* Giovanni Ellul** (Qorti ta' l-Appell, 14 ta' Mejju, 1948). Minn eżami però ta' dawn id-deċiżjonijiet jidher li persuna li tirrendi serviġi jkollha dritt ta' suppliment għal retribuzzjoni ċerta u determinata meta l-persuna servita tkun esiġiet xogħol straordinarju li joħroġ mill-ftehim jew meta l-

persuna li tirrendi s-serviġi tkun aċċettat ħlas żgħir għas-serviġi meta tkun ħaqqha ħlas akbar u dana tagħmlu għaliex tiġi ttamata mill-persuna servuta li ser ikollha ħlas akbar aktar tard u l-imsemmija tema ma tkunx seħħet;

Il-każ preżenti però la jaqa' taħt l-ewwel ipotesi u lanqas taħt it-tieni. Ma jirriżulta li kien hemm xi xogħol straordinarju li joħroġ barra mill-ftehim billi ma jidhirx li Teresa Portelli mardet ħlief fl-aħħar granet ta' ħajjitha meta telgħet l-isptar. Lanqas ma ġie ppruvat b'xi mod li meta sar il-ftehim bil-kitba privata fuq imsemmija l-attur irċeva ħlas żgħir mhux ġie ttamat li jkollu ħlas aktar aktar tard. Kwindi l-Qorti ma tistax taċċetta bħala applikabbli għall-każ preżenti r-raġunijiet fuq imsemmija mogħtija mill-perit legali l-għala għandu jkun hemm dritt ta' suppliment għall-kumpens miftiehem bil-kitba privata fuq imsemmija;

Iżda l-Qorti tirritjeni li, apparti ż-żewġ raġunijiet fuq imsemmija li joħorġu mid-deċiżjonijiet iċċitati mill-perit legali, jista' jkun hemm dritt għall-ħlas ta' suppliment għall-kumpens ġà miftiehem meta, in segwitu għall-istess ftehim, il-persuna servuta turi l-ħsieb tagħha li jkun hemm il-ħlas ta' l-istess suppliment. Ma hemm xejn fil-liġi li jgħid li dan ma jistax isir. Il-persuna servuta hija dejjem libera li tesprimi x-xewqa tagħha li żżid mal-kumpens miftiehem u meta tesprimi din ix-xewqa, partikolarment meta tesprimiha ma' min qiegħed iserviha, jitwieled id-dritt ta' min qed iservi li jitlob il-ħlas ta' suppliment għas-somma miftiehma - naturalment jekk dan is-suppliment ikun ġustifikat miċ-ċirkostanzi. U dan hu preċiżament milħuq, bil-kitba privata fuq imsemmija, kif jidher mid-deposizzjonijiet ta' l-attur, ta' ommu l-konvenuta Stella Vella u tax-xhieda Tina Pace u Hilda Urry, f'xi mument jew ieħor Teresa Portelli qalet magħhom li riedet tagħtih iżjed lill-attur billi dak li kienet tatu ma kienx biżżejjed. Il-fatt li l-konvenuti jgħidu li ma semgħux dan id-diskors mhux biżżejjed

biex iwaqqa' dak li qalu l-istess xhieda billi ma jistax jiġi eskluż li dak id-diskors sar mhux fil-presenza tagħhom. Il-fatt imbagħad li, skond il-konvenuta Emanuela Muscat, ommha Teresa Portelli qaltilha li kienet qiegħda tħallas lill-attur lanqas hu biżżejjed biex iwaqqa' d-diskors fuq imsemmi billi l-attur jiċħad li nanntu Teresa Porteli qatt tagħtu xi ħaġa u anke billi, kieku kellhom dawk il-ħlasijiet jiġu ritenuti bħala ppruvati (ħaġa li bl-ebda mod ma ġew ippruvati), kien ikun hemm lok għat-tnaqqis minn kwalunkwe suppliment dovut;

Ikkunsidrat:

Mill-kitba privata fuq imsemmija jirriżulta li l-attur tħallas minn Teresa Portelli l-imsemmija somma ta' Lm200 għal serviġi reżi sa dakinhar u għall-serviġi li kellhom jiġu reżi sakemm tiġi biex tmut ammenokke hija ma titolbux biex ma jkomplihomx. Għalhekk, bl-imsemmija somma ta' Lm200 ġew imħallsa *in toto* is-serviġi reżi sad-data tal-kitba privata, ċjoè sad-19 ta' Settembru, 1968 u kwindi l-Qorti m'għandhiex għalfejn tistabbilixxi l-kumpens dovut sa dik id-data. Bl-imsemmija somma ta' Lm200 ġie mħallas ukoll parzjalment il-kumpens dovut għal serviġi reżi mill-20 ta' Settembru, 1968 sat-8 ta' Diċembru, 1975 (salv dak li se jingħad aktar tard dwar din l-aħħar data) data tal-mewt ta' Teresa Portelli u l-Qorti għalhekk għandha tistabbilixxi kemm mill-istess somma ta' Lm200 għandha tiġi kkunsidrata bħala mħallsa a rigward ta' serviġi reżi wara d-19 ta' Setembru, 1968. Il-Qorti, wara li ħasbitha fit-tul u wara li kkunsidrat iċ-ċirkostanzi kollha, fosthom l-età ta' l-attur u l-perijodu totali, tirritjeni li jkun ekwu jekk mitt lira Maltija (Lm100) mill-istess somma ta' Lm200 tiġi kkunsidrata bħala kumpens intiż għal serviġi reżi wara l-20 ta' Settembru, 1968;

Ikkunsidrat:

Il-perit legali ssuġġerixxa li l-kumpens dovut għall-perijodu mill-1 ta' Lulju, 1972 il-quddiem għandu jiġi kkalkolat bir-rat ta' ħamsin ċenteżmu kuljum. Il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi li l-perit legali jgħid li wassluh għall-imsemmija konklużjoni kif ukoll iċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ, fosthom l-istat tajjeb tas-saħħa ta' Teresa Portelli, in-natura tas-serviġi reżi u ċ-ċirkostanza li l-attur, bil-fatt li kien qed jorqod għand nanntu Teresa Portelli, solva l-problema tiegħu li fid-dar ta' ommu ma kellux kamra fejn jorqod, ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-imsemmija konklużjoni peritali. Il-Qorti però differentement mill-perit legali, hi tal-fehma li mhu dovut l-ebda kumpens wara t-22 ta' Novembru, 1975 billi jirriżulta mill-provi li Teresa Portelli għamlet almenu ħmistax-il ġurnata l-isptar qabel ma mietet fit-8 ta' Diċembru, 1975 u għalhekk matul dan l-aħħar perijodu qasir ma seta' kien hemm ebda serviġi. Kwindi l-attur, a bażi tar-rata ta' ħamsin ċenteżmu (50c) kuljum ħaqqu kumpens għall-imsemmi perijodu bejn l-1 ta' Lulju, 1972 u 22 ta' Novembru, 1975 fis-somma ta' sitt mija u erbgħin lira Maltija (Lm640);

Il-Qorti, però, stante l-konklużjonijiet fuq minnha raġġunti, għandha ukoll tiffissa l-kumpens dovut għal serviġi reżi matul il-perijodu 28 ta' Settembru, 1968 - 30 ta' Ġunju, 1972. Il-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha fuq imsemmija kif ukol iċ-ċirkostanza illi iktar ma tmur lura fiż-żmien, inqas kienet is-somma li titħallas għal serviġi reżi, hi tal-fehma li jkun ġust li tittieħed is-somma ta' ħamsa u għoxrin ċenteżmu (25c) anteċedenti u għalhekk għal dan il-perijodu l-attur hu ntitolat għas-somma ta' tliet mija, tnejn u erbgħin lira Maltija, ħamsin ċenteżmu (Lm342.50). Kwindi l-attur b'kollox għall-perijodu kollu wara l-imsemmija kitba privata tad-19 ta' Settembru, 1968 huwa ntitolat għas-somma ta' disa' mija, tnejn u tmenin lira Maltija, ħamsin ċenteżmu (Lm982.50);

Minn din is-somma ta' Lm982.50 però għandhom jiġu

mnaqqsa s-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100) fuq imsemmija li l-Qorti ffissat għandha tiġi kkunsidrata bħala mħallsa għal serviġi reżi wara l-kitba privata fuq imsemmija kif ukoll is-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200) li l-konvenuti jgħidu li ommhom qaltilhom li kienet ħallset għal tiswija ta' karozza biex l-attur ma jkollux inkwiet ma' missieru - somma dina pjuttost rilevanti li l-Qorti tirritjeni Teresa Portelli ma kinitx tħallas kieku l-attur ma kienx qed jorqod għandha u jirrendilha s-serviġi. Għalhekk il-bilanċ ta' kumpens dovut għas-serviġi reżi mill-attur jammonta għal sitt mija, tnejn u tmenin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm682.50);

Għal dawn il-motivi l-Qorti, prevja adozzjoni tar-relazzjoni peritali fis-sens biss li ngħad fuq, tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fuq imsemmija ssollevata mill-konvenuti Maria Schembri, Micahel Portelli u Emanuela Muscat bl-ispejjeż kontra tagħhom u tiddeċidi ukoll billi tillikwida l-bilanċ tal-kumpens dovut lill-attur għal serviġi u assistenzi reżi minnu lil Teresa Portelli fis-somma ta' sitt mija u tnejn u tmenin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu (LmLm682.50) u tikkundanna lill-konvenut kif imħarrka jħallsu lill-attur l-istess somma ta' sitt mija, tnejn u tmenin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm682.50) bl-imgħax legali mil-lum. L-ispejjeż tal-kawża (ħlief dawk ġà fuq deċiżi) għandhom jiġu ssopportati mill-konvenuti.

---